## RETTIFIKA

**Rettifika għar-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) Nru 1270/2011 tas-6 ta' Diċembru 2011 li jistipula perċentwali ta' aċċettazzjoni għall-ħruġ ta' liċenzji tal-esportazzjoni li jirrifjuta applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni u li jissospendi t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni għal zokkor 'il barra mill-kwota**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 324, tas-7 ta' Diċembru 2011)*

F'paġna 27,

— il-Premessa 3:

*minflok:* "(3) Il-kwantitajiet ta' zokkor koperti minn applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni jaqbżu l-limitu kwantitattiv iffissat bl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 372/2011. Għaldaqstant għandu jiġi stabbilit perċentwal ta' aċċettazzjoni għall-kwantitajiet li għalihom tressqu applikazzjonijiet fl-1 ta' Diċembru 2011. Kull applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni għaz-zokkor imressqa wara t-2 ta' Diċembru 2011 għaldaqstant ma għandhiex tintlaqa', u t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandu jkun sospiż,";

*aqra:* "(3) Il-kwantitajiet ta' zokkor koperti minn applikazzjonijiet għal liċenzji tal-esportazzjoni jaqbżu l-limitu kwantitattiv iffissat bl-Artikolu 1(1)(a) tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) Nru 372/2011. Għaldaqstant għandu jiġi stabbilit perċentwal ta' aċċettazzjoni għall-kwantitajiet li għalihom tressqu applikazzjonijiet fl-1 ta' Diċembru 2011 u fit-2 ta' Diċembru 2011. Kull applikazzjoni għal liċenzja tal-esportazzjoni għaz-zokkor imressqa wara t-2 ta' Diċembru 2011 għaldaqstant ma għandhiex tintlaqa', u t-tressiq tal-applikazzjonijiet għal-liċenzji tal-esportazzjoni għandu jkun sospiż,",

— l-Artikolu 1(1)

*minflok:* "1. Liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota li l-applikazzjonijiet għalihom tressqu fl-1 ta' Diċembru 2011, għandhom jinħarġu għall-kwantitajiet mitluba, multiplikati b'perċentwali ta' aċċettazzjoni ta' 51,679586 %.";

*aqra:* "1. Liċenzji tal-esportazzjoni taz-zokkor 'il barra mill-kwota li l-applikazzjonijiet għalihom tressqu fl-1 ta' Diċembru 2011 u fit-2 ta' Diċembru 2011, għandhom jinħarġu għall-kwantitajiet mitluba, multiplikati b'perċentwali ta' aċċettazzjoni ta' 51,679586 %.".

---

**Rettifika għad-Deċiżjoni tal-Kunsill tat-8 ta' Novembru 2011 li temenda d-Deċiżjoni 2011/734/UE indirizzata lill-Greċja bil-għan li ssaħħaħ u tapprofondixxi s-sorveljanza fiskali u li tavża lill-Greċja biex tieħu miżuri għat-tnaqqis tad-defiċit liema miżuri huma meqjusa neċessarji sabiex tiġi rimedjata s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv**

*(Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea L 320, tat-3 ta' Diċembru 2011)*

F'paġna 28, il-firmatarju:

*minflok:* "*Għall-Kunsill*
*Il-President*
J. VINCENT-ROSTOWSKI",

*aqra:* "*Għall-Kunsill*
*Il-President*
W. PAWLAK".